

**L-Erbgħa 12 ta' Ġunju 2013**

20. Jistieden lill-Istati Membri biex jikkunsidraw prattiki li jaħdmu bil-provi, speċjalment dawk ta' Stati Membri b'rati baxxi tal-qgħad, u biex jespjoraw jekk kunċetti bħall-edukazzjoni doppja u t-taħriġ u t-tagħlim vokazzjonali, kif ukoll skemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ li diġà ġew implimentati, jistgħux ikunu kompatibbli mas-sistemi nazzjonali tagħhom; jenfasizza li s-sistema doppja tat-taħriġ vokazzjonali u l-istudju fuq żewġ binarji, bil-konċentrazzjoni tagħhom fuq l-esperjenza prattika, il-kriżi ekonomika ssuperawha b'mod partikolarment tajjeb, u għenu biex ibaxxu l-qgħad fost iż-żgħażaġh billi lil dawn tal-aħħar ħejjewhom aħjar għax-xogħol, u jistieden għalhekk, lill-Istati Membri milquta mill-kriżi biex iqisu li jirrifurmaw is-sistema ta' taħriġ tagħhom flimkien ma' dawn il-linji;

21. Jenfasizza li l-pajjiżi fil-kriżi bħalissa għandhom rati allarmanti ta' qgħad fost iż-żgħażaġh; għalhekk jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta miżuri ta' kriżi f'termini tal-impatt tagħhom fuq l-impjiegi taż-żgħażaġh, u jistieden lill-Istati Membri u lill-Kunsill biex iqisu jekk għandhomx itemmu dawk il-miżuri ta' kriżi li għandhom impatt ħażin fuq l-impjiegi taż-żgħażaġh;

22. Jistieden lill-Istati Membri biex itejbu l-kooperazzjoni bejn l-impriżi u s-settur edukattiv fil-livelli kollha bil-għan li jtejbju l-mod kif il-kurikula jorbtu mad-domanda tas-suq tax-xogħol, pereżempju billi jestendu l-Alleanzi tal-Ħiliet u Settorjali u l-Alleanzi tal-Għarfien; jenfasizza li jeħtieġ li jkun hemm kurrikula aktar flessibbli li jippermettu adattament aħjar għal żviluppi tal-ġejjieni fis-suq tax-xogħol;

23. Jenfasizza li l-Istati membri jeħtiġilhom itejbu l-appoġġ għall-impjiegi indipendenti fost iż-żgħażaġh, filwaqt li jipprevjenu l-insolvenza u l-impjiegi indipendenti falz;

o  
o o

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill.

P7\_TA(2013)0271

**Impass fir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-impass fir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 (2013/2637(RSP))**

(2016/C 065/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni,
- wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni (COM(2008)0229),
- wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni COM (2011)0137),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 15 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

<sup>(1)</sup> Testi adottati, P7\_TA(2011)0580.

## L-Erbgħa 12 ta' Ġunju 2013

- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2010-2011) <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-mistoqsijiet lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-impass fir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess għad-dokumenti (O-00049/2013, O-00050/2013, O-00051/2013, O-00052/2013, O-00053/2013, O-00054/2013, O-00058/2013 u O-00059/2013),
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-impass fir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi t-trasparenza hija għodda essenzjali li tippermetti liċ-ċittadini jipparteċipaw fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE u li tiżgura r-responsabilità tal-istituzzjonijiet Ewropej lejn iċ-ċittadini tagħhom u b'hekk iżżid l-impenn u l-fiduċja tagħhom;
- B. billi d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona kompli saħħaħ l-obbligi ta' trasparenza tal-UE u stabbilixxa solidament l-aċċess għad-dokumenti bħala dritt fundamentali;
- C. billi l-Parlament f'diversi okkażjonijiet sejjaħ għal trasparenza msaħħa fil-proċedura leġiżlattiva, inkluża trasparenza fir-rigward tal-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill, il-pubblikazzjoni tal-opinjoni legali fil-proċeduri leġiżlattivi, u trasparenza akbar fit-'trilogi';
- D. billi l-Parlament iddispaċi ukoll minħabba n-nuqqas ta' trasparenza fl-aġenziji tal-UE, fin-negozjati internazzjonali u fid-djalogu tal-Kummissjoni mal-Istati Membri, b'mod partikolari meta jkun hemm fin-nofs id-drittijiet fundamentali jew l-interess taċ-ċittadini Ewropej <sup>(2)</sup>;
- E. billi l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u d-deċiżjonijiet tal-Ombudsman Ewropew influwenzaw sostanzjalment il-fehim tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; billi din il-każistika, speċjalment fir-rigward tal-użu ta' raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent fi proċedura leġiżlattiva, bħal *Turco* u *Access Info*, għandha tkun riflessa fil-leġiżlazzjoni;
- F. billi r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 hu meqjus miċ-ċittadini tal-UE u mill-pubbliku tal-UE bħala leġiżlazzjoni importanti ħafna li tipprovdi l-għodda għal superviżjoni adegwata tal-azzjonijiet tal-UE; billi l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għad trid tiġi mtejba, kif deher minn diversi każijiet trattati mill-Ombudsman;
- G. billi fl-2008 l-Kummissjoni pproponiet tfassil mill-ġdid tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, u billi ma rtiratx din il-proposta wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona; billi l-Parlament informa kif dovut lill-Kummissjoni dwar l-inadegwatezza tal-użu tal-proċedura tat-tfassil mill-ġdid;
- H. billi fl-2011 il-Kummissjoni għamlet proposta addizzjonali li b'mod impliċitu biss testendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għall-istituzzjonijiet, l-uffiċċji, l-aġenziji u l-korpi kollha tal-UE; billi l-Parlament għaqqad flimkien il-proċeduri tal-2008 u tal-2011 fi proċedura unika;
- I. billi l-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-15 ta' Diċembru 2011, u t-trilogi bdew taħt il-Presidenza Daniża fl-ewwel nofs tal-2012; billi l-Kummissjoni ma qablitx mal-kompromessi possibbli li ġew proposti, li hija r-raġuni prinċipali tal-impass li ilu aktar minn sena;
- J. billi l-presidenza Ċiprijotta u dik Irlandiża ma rnexxilhomx isolvu l-impass fil-Kunsill u jibdew negozjati oħra minħabba reżistenza mill-Kummissjoni, li kkawżat hteġa ta' unanimi ta' fil-Kunsill dwar ċerti punti;
- K. billi, minħabba l-obbligi ta' trasparenza msaħħa inklużi fit-Trattati wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, kull reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ma għandhiex tbaxxi l-livell attwali ta' trasparenza;

<sup>(1)</sup> Testi adottati, P7\_TA(2012)0500.

<sup>(2)</sup> Testi adottati, P7\_TA(2012)0500, paragrafu 18.

**L-Erbgħa 12 ta' Ġunju 2013**

- L. billi n-nuqqas ta' ftehim dwar verżjoni ġdida tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tista' tibgħat messaġġ' żbaljat dwar in-natura tal-UE liċ-ċittadini tagħha, u billi dan in-nuqqas jista' jdgħajjef il-leġittimità tat-teħid ta' deċiżjoni tal-UE, speċjalment fid-dawl tal-elezzjonijiet Ewropej ewlenin li qed javviċinaw;
1. Jafferma mill-ġdid bil-qawwa l-importanza tad-dritt fundamentali tal-aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti, tat-trasparenza u l-ftuħ tal-istituzzjonijiet u tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom, li huma l-pilastri tad-demokrazija u jistgħu jqarrbu liċ-ċittadini lejn l-UE;
  2. Jistieden lill-istituzzjonijiet, l-uffiċċji, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE biex jimplementaw b'mod sħiħ ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001;
  3. Iqis li l-emendar tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għandu jkun prijorità għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE, u jiddispijaċih li nħoloq dan l-impass; jitlob lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE jaħdmu flimkien biex tinstab soluzzjoni malajr kemm jista' jkun;
  4. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jirrevedi r-Regolament (KE) Nru 1049/2001, li, meta jitqies kollu kemm hu, għandu jagħti liċ-ċittadini tal-UE aċċess aktar miftuħ u mtejjeb għad-dokumenti tal-UE;
  5. Jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha b'mod sħiħ, fil-livell politiku u tekniku, meta r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jiġi emendat u adattat skont it-Trattat ta' Lisbona, jew biex tiegħu kwalunkwe miżura xierqa biex jiġi żblukkat l-impass;
  6. Jistieden lill-Kunsill biex immedjatament jerġa' jibda d-dibattiti dwar ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, biex jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari u biex ikompli n-negozjati;
  7. Jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu hawn fuq msemmija fl-ewwel qari kif adottata fil-15 ta' Diċembru 2011 <sup>(1)</sup> bħala l-punt tat-tluq għan-negozjati u jinsisti li test emendat, bħala minimu assolut, u f'konformità mar-rekwiżiti tat-Trattat, għandu: espliċitament jestendi l-kamp ta' applikazzjoni għall-istituzzjonijiet, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-UE; isaħħaħ it-trasparenza leġiżlattiva, inkluż l-aċċess għall-opinjoni legali leġiżlattivi, fejn kwalunkwe użu ta' eċċezzjonijiet fil-proċedura leġiżlattiva għandu jikkostitwixxi eżenzjoni mir-regola ġenerali tat-trasparenza leġiżlattiva; jiċċara r-relazzjoni bejn it-trasparenza u l-protezzjoni tad-dejta; jinkludi l-Konvenzjoni Aarhus; iqis id-definizzjoni wiesgħa attwali ta' dokument bħala bażi minima għal żvilupp ulterjuri; jiżgura aċċess xieraq għad-dokumenti u t-trasparenza relatati man-negozjati u l-ftehimiet internazzjonali; jipprevedi trasparenza finanzjarja tal-fondi tal-UE; ma jintroduċi l-ebda eżenzjoni ġenerali;
  8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

<sup>(1)</sup> EP-PE\_TC1-COD(2008)0090.